# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIŻJONI NUMRU 2860

# Illum 12 ta' Ottubru, 2022

# Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech

**Każ Numru: 3358/CCG**

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

**1. Mildred Marmarà (K.I. 336464M)**
**2. Yvonne Penza (K.I.670953M)**

**u**

**The Nuance Group (Malta) Ltd (C2872)**

**Dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u/jew bi ksur tal-liġi relatata mal-obbligi tal-"employer" li jikkumpensa l-impjegati b'mod komparabbli għal xogħol ta' valur ugwali**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u/jew bi ksur tal-liġi relatata mal-obbligi tal-"employer" li jikkumpensa l-impjegati b'mod komparabbli għal xogħol ta' valur ugwali.

## PRELIMINARI:

Ir-rikorrenti pprżentaw rikors fejn spjegaw illi kienu ilhom impjegati mal-intimati minn April 2008 (Mildred Marmarà) u minn Ottubru 2010 (Yvonne Penza) u qatt ma ħadu increments fil-paga għajr illi l-Ftehim Kollettiv jintitolhom għal dan.

Inoltre, r-rikorrenti allegaw li qegħdin jitħallsu rata aktar baxxa mill-oħrajn fl-istess grad bi ksur tal-liġi. Għaldaqstant talbu lit-Tribunal jindaga l-każ tagħhom u wara li jistabilixxi trattament diskriminatorju u/jew bi ksur tal-liġi relatata mal-obbligi tal-"employer" li jikkumpensa l-impjegati b'mod komparabbli għal xogħol ta' valur ugwali, jordna l-ħlas tal-kumpens li għandu jkun bħala minimu dak kollu mitluf mir-rikorrenti tul l-impjieg tagħhom, kif ukoll jordna illi għall-futur jittieħdu dawk il-passi neċessarji biex il-pożizzjoni tagħhom tiġi skont il-liġi.

Is-soċjetà fir-risposta u dikjarazzjoni tal-każ tagħha ċaħdet kategorikament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti għar-raġunijiet segwenti – id-differenza bejn is-salarji tar-rikorrenti u impjegati fl-istess grad kienet riżultat ta' ftehim mal-General Workers Union ai termini tal-artikolu 27 tal-Kap 452. Bħala sfond, fl-24 ta' Novembru 2005, is-soċjetà The Mediterranean Nuance Group Limited C36775, permezz ta' ftehim, akkwistat l-ishma kollha tal-kumpanniji Air Malta pls C2685 u Malta Air Charter Company Limited fil-kumpannija Air Supplies and Catering Company Limited. Wara dan il-ftehim, isem il-kumpannijia Air Supplies and Catering Company Limited inbidel għal The Nuance Group (Malta) Limited u ai termini kemm tal-artikolu 38 tal-Kap. 452 kif ukoll ai termini tal-istess ftehim, il-kumpannija kienet kostretta tirrispetta l-kuntratti tal-impjieg tal-impjegati kollha u dan bl-istess kundizzjonijiet imposti mill-istess kuntratti. Is-soċjeta ddikjarat illi l-kundizzjonijiet tal-impjiegi tal-impjegati tal-Air Supplies and Catering Company Limited, b'mod speċjali s-salarji, kienu eċċessivi meta pparagunati mas-salarji tas-suq fl-2005, stat ta' fatt li kien ta' preġudizzju għall-kompettività u profitabiltà tal-kumpannija, li kienet fi stat prekarju u għalhekk kien hemm bżonn li jiġu addottati mezzi sabiex jiġu salvagwardjati l-impjegati. Għaldaqstant il-kumpannija ma setgħetx tħallas l-istess salarji lill-impjegati ġodda li kienet ser tingaġġa għaliex dawn ma kellhomx is-seniority u lanqas l-esperjenza li kellhom l-impjegati li kienu mal-Air Supplies and Catering Company Limited. L-impjegati tal-Air Supplies and Catering Company Limited kienu membri fi ħdan il-GWU u anke r-rikorrenti ssieħbu bħala membri tal-GWU. Meta ġie ffirmat il-ftehim, kien hemm ftehim kollettiv viġenti u fl-2006 l-kumpannija bdiet negozjati mal-GWU għal Ftehim Kollettiv kemm għall-impjegati ġodda kif ukoll tiġdid għall-impjegati l-antiki. Fl-2010, wara li l-GWU fehmet is-sitwazzjoni tal-kumpannija, ġie ffirmat ftehim kollettiv ġdid li japplika għall-impjegati kollha u għalkemm ma kien hemm l-ebda provvediment għal aġġustament eventwali fl-iskali tas-salarji, kien ġie speċifikament miftiehem illi

din id-differenza kienet ser tiġi indirizzata u riżolta fil-ftehim kollettiv sussegwenti. Fl-2015 ġie ffirmat ftehim kollettiv ġdid wara negozjati li damu madwar sena. Dan il-ftehim kollettiv kien riżultat ta' eżerċizzji u laqgħat intensivi bejn is-soċjetà intimata u l-GWU sabiex tinħoloq sistema ġusta u adekwata li permezz tagħha l-impjegati kollha eventwalment jidħlu fis-skali tas-salarji tal-ħaddiema kollha. L-impjegati kollha, inkluż ir-rikorrenti, ġew imħallsa kwalsiasi ammont spettanti lilhom skont il-Ftehim Kollettiv. Is-soċjetà intimata innegat illi l-impjegata ingaġġata fir-rwol ta' "cleaner" titħallas rata ogħla minn dak stipulat fil-Ftehim Kollettiv, u li Marika Grixti kienet ilha impjegata mill-2007 u x-xogħol impenjattiv u importanti tagħha kien jiġġustifika l-paga tagħha.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**<u>Sinteżi tax-xhieda</u>**

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit fejn **Yvonne Penza** spjegat li kienet bdiet taħdem mal-kumpannija The Nuance Group (Malta) Limited minn nhar l-1 ta' Ottubru 2010 bħala sales adviser fuq kuntratt fiss ta' sitt xhur, u baqgħet taħdem sal-31 ta' Mejju 2014 fuq bażi ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa fuq numru ta' kuntratti sussegwenti. Fl-1 ta' Ġunju 2014 bdiet taħdem fuq kuntratt ieħor ta' sitt xhur għal tletin siegħa fil-ġimgħa u kompliet hekk sad-19 ta' April 2015 meta spiċċat mill-impjieg fl-età tal-irtirar. Bħala sales adviser hija kienet taqdi diversi rwoli ta' bejgħ fil-bini tal-ajruport. Penza ppreżentat tabella tar-rata tal-ħlas tagħha maqsum skont id-data u għal kemm-il ġimgħa tħallset hekk. Hija qalet li ftit wara li bdiet taħdem ingħatat kopja tal-Ftehim Kollettiv għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2010 u l-31 ta' Diċembru 2014 li kien jinkludi struttura ta' pagi u ma kienx iffirmat, u liema ftehim ma ġie qatt spjegat lilha la mis-soċjetà intimata u lanqas mill-union. Hija qalet li fil-bidu kienet tingħata l-payslip f'envelopp magħluq mis-supervisor u wara bdiet tirċievi din f'indirizz elettroniku provdut minnha. F'dan iż-żmien ma kinitx taf kemm kellhom paga sħabha, salv għal waħda li bdiet l-impjieg magħha. Fil-bidu tas-sena 2015 saret taf li bdew in-negozjati għal ftehim kollettiv ġdid li kien skada u li kien hemm xi diżgwid għaliex ir-rappreżentanti tal-kumitat saru jafu li kien hemm żewġ strutturi differenti ta' pagi, u li għalkemm kienu kollha jagħmlu l-istess xogħol,

dawk li bdew l-impjieg tagħhom ma’ The Nuance Group (Malta) Limited kellhom rati ta’ paga differenti minn dawk li kienu daħlu qabel it-tibdil tal-isem tas-soċjetà. Il-membri tal-kumitat tkellmu bejniethom imma kien hemm min beża’ li jitlef l-impjieg jekk jidħol il-Qorti. Wara li ntemmu n-negozjati s-segretarju tal-union għamel laqgħa fejn talab lill-ħaddiema japprovaw il-ftehim però waqt il-laqgħa ma tqassam l-ebda abbozz tal-ftehim u ma ngħataw l-ebda dettalji fuq strutturi ta’ pagi.

**Mildred Marmarà** fl-affidavit tagħha spjegat li kienet bdiet taħdem mal-kumpannija The Nuance Group (Malta) Limited fl-1 t’April 2009 fil-kariga ta’ sales assistant fuq kuntratt definit ta’ sitt xhur u hija dejjem ħadmet għal tletin siegħa fil-ġimgħa b’numru ta’ kuntratti definiti sakemm il-kuntratt tagħha, wara erbgħa snin, inbidel f’wieħed mingħajr terminu skont il-liġi. Marmarà ppreżentat tabella bid-dettalji tar-rimunerazzjoni tagħha skont il-perjodu u għal kemm żmien kienet titħallas hekk. Hija qalet li minn meta bdiet l-impjieg tagħha sa Novembru 2010 hija qatt ma ngħatat kopja tal-ftehim kollettiv viġenti. Lejn l-aħħar tal-2010 irċiviet kopja mhux iffirmata tal-ftehim kollettiv għaż-żmien bejn 01.09.2010 u 31.12.2014 u qalet li l-kumpannija qatt ma laqqagħthom biex tispjegalhom f’kien ġie miftiehem f’isimhom. Lanqas il-GWU qatt ma għamlet dan u lanqas qatt ma talbet xi vot ta’ aċċettazzjoni. Spjegat li kienet tingħata payslip l-ewwel f’envelopp imbagħad bil-posta elettronika u hi ma kinitx taf sħabha kemm kienu jaqilgħu paga. Marmarà qalet li sa mill-2013 hija kienet membru fil-kumitat trejdjunonistiku tal-kumpannija u fl-aħħar tal-2014 bdiet tattendi għal laqgħat preparatorji biex jitfasslu t-talbiet għal ftehim ġdid. Waqt waħda minn dawn il-laqgħat hija għarrfet lis-segretarju tal-unjin Sandro Vella li kienet qed tissuspetta li kien hemm xi diskrepanzi fil-pagi. Wara li tqabblu l-kopji mhux iffirmati tal-Ftehim Kollettiv irriżulta li veru kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-pagi fl-istess gradi. Meta ra hekk is-segretarju talab għal kopja tad-dokumenti uffiċċjali mingħand il-kumpannija pero dawn kienu differenti għaliex kienu juru biss kemm kien hemm impjegati f’kull tarġa tal-istruttura. Irriżulta li dawk li kienu bdew l-impjieg tagħhom mal-kumpannija The Nuance Group (Malta) Limited fl-2005 jew wara kellhom rati ta’ pagi inqas minn dawk li daħlu qabel. Hija tgħid li meta rat li s-segretarju ma kienx ser jgħinhom hija marret id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u kellmet lil Mario Gatt li qalilha li l-istruttura li tapplika għaliha kienet bi ksur tal-liġi, mar għand il-kumpannija u qalilhom l-istess. Wara li ntemmu n-negozjati s-segretarju

tal-union għamel laqgħa fejn talab lill-ħaddiema japprovaw il-ftehim pero waqt il-laqgħa ma tqassam l-ebda abbozz tal-ftehim u ma ngħataw l-ebda dettalji fuq strutturi ta' pagi, iżda ingħataw biss strixxa karta bil-paga individwali tagħhom.

Mildred Marmarà in kontroeżami tgħid li fl-2008 meta daħlet taħdem mal-kumpannija ma ngħatat l-ebda ftehim kollettiv. Fl-2010 taw kopja tal-ftehim kollettiv lil kulħadd u qabel ma kinitx taf li kien hemm ftehim kollettiv. Mistoqsija dwar xi ddikjarat fl-affidavit fejn ir-rikorrent qalet li kellha kopja tal-ftehim kollettiv mhux iffirmat u qalet illi meta wasal biex jiskadi l-ftehim kollettiv kienet parti mill-kumitat li jinnegozjaw il-ftehim kollettiv u meta kienu hemm qamet kwistjoni fuq dixxiplina u waħda mit-tfajliet qaltilha x'jiġifieri ma qbilniex u r-rikorrent qaltilha li hija ma kelliex ftehim kollettiv fuqha għaliex kieku kienet turiha u din fetħet il-locker u ħarġet tagħha biex jaraw il-klawsoli tad-dixxiplina. Meta rat dan il-ftehim kollettiv, ir-rikorrent qalet li lill-kollega tagħha qaltilha 'dan mhux bħal tiegħi'! Issellfet din il-kopja, li kien il-ftehim kollettiv 2010-2014 u kif rat il-pattern ta' pagi hemm indunat bid-diskrepanzi. Dan kien fl-aħħar tal-2014.

Yvonne Penza in kontroeżami xehdet illi hija ngħatat kopja tal-ftehim kollettiv meta dan sar.

**Antoine Degiovanni** kien konsulent mas-soċjetà intimata. Spjega li r-rabta tiegħu mas-soċjetà bdiet qabel ma twieldet il-kumpannija The Nuance Group (Malta) Limited għaliex fl-1993 huwa kien impjegat mal-Air Malta u kien responsabbli anke mill-kumpanniji sussidjarji tagħhom, fosthom l-Air Supplies and Catering Company Limited li fl-2005 saret mal-grupp Nuance. Huwa telaq mill-Air Malta fl-1999 u fl-2006 irċieva messaġġ mingħand il-General Manager ta' The Nuance Group, Adil Raihani, u dan tah biċċa xogħol li kellha x'taqsam mar-riżorsi umani, lestiha u xahar wara, Raihani qallu jixtieq li jkun konsulent magħhom. Raihani spjegalu li kien ftehim kollettiv li kien wiret mill-Air Malta mat-trasferiment li kien għaż-żmien bejn 2000 u 2004 però kien baqa' għaddej u għalhekk kellu bżonnu biex ifassallu ftehim ieħor. Is-Sur Raihana qal lis-Sur Degiovanni li ż-żidiet tal-ftehim flimkien mal-COLA ma kinux vijabbli għall-budget tal-kumpanija. Meta x-xhud fassal il-ftehim kollettiv, Raihani qallu issa nnegozjah ma' Nancy Vaklura, li kienet inkarigata mir-riżorsi umani. Is-Sur Degiovani spjegalha kif fil-ftehim li kien qed jiġi nnegozjat inbiddlu l-

istrutturi u li kien hemm żewġ strutturi, waħda għall-impjegati l-antiki u waħda għall-ġodda, b'diskrepanzi fil-paga ta' bejn 16% u 22%, u informaha li kien hemm tnaqqis fil-liġi u hu qalilhom li dan ma jistax isir għaliex huwa ksur tal-liġi. Nancy Vakura qaltlu li The Nuance Group hija kumpannija Svizzera inkorporata fl-Isvizzera u m'għandhomx obbligu li jimxu mal-liġi Maltija u hu qalilha li jridu jħallsu skont il-liġijiet Maltin u hu hemmhekk waqaf però komplew iridu mingħandu t-tfassil tal-istrutturi tal-pagi u fil-fatt huma ħarġu żewġ dokumenti bi strutturi ta' paga differenti għaż-żewġ gruppi ta' impjegati. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-ftehim kollettiv għall-antiki u ieħor għall-ġodda, fejn ma qablux biss is-salarji, bil-ġodda jkollhom salarji ħafna aktar baxxi. Ix-xhud kellu wkoll xi workings dwar id-differenzi fil-pagi tar-rikorrenti ma' oħrajn fl-istess grad. Ix-xhud qal li huwa spiċċa minn mal-kumpannija fl-2014 u f'xi żmien fl-2015 kienu ċemplulu Mildred Marmarà u xi ieħor u qalulu li saru jafu bid-diskrepanzi fil-pagi waqt xi laqgħa mal-unions u minħabba li kienu jafu li kien hu li nnegozja l-ftehim kollettiv xtaqu jkunu jafu jekk kienx jaf bid-differenzi fil-pagi. Huwa bagħathom jitkellmu l-Labour Office.

**Ramon Francalanza**, Segretarju tal-UĦM ippreżenta dokumenti relatati mal-każ li kienu jikkonsistu f'kalkoli tal-paga tar-rikorrenti kif suppost minn meta ġew impjegati kumparata ma' kemm attwalment kienu jaqilgħu paga. Id-dokumenti nħadmu mis-Sur Anthony Degiovanni fuq informazzjoni mgħoddija lilu mir-rikorrenti u ġew mgħoddija lill-UĦM. Is-Sur Francalanza spjega li skont il-komputazzjonijiet li ppreżenta, ir-rikorrenti Mildred Marmarà tħallset b'rata inqas minn dik li kellha tapplika għaliha skont il-ftehim kollettiv li kien japplika f'kwalunkwe perjodu tul l-impjieg tagħha. Spjega wkoll kif skont il-ftehim kollettiv, impjegat jitla' livell fl-iskaletti tal-paga għal kull sena li jagħlaq bħala impjegat mas-soċjetà intimata. Ġara li mal-ftehim kollettiv tal-2015, wara li ġew reveduti l-iskaletti tal-pagi, ir-rikorrenti Mildred Marmarà qabżet sitt notches fl-iskaletta sabiex ekwiparat ruħha mar-rati fl-iskaletta tal-pagi introdotta mal-ftehim kollettiv tal-2015. Ix-xhud spjega li dejjem isir hekk meta ftehim kollettiv ġdid jintroduċi skaletta ġdida, għaliex huwa illegali li impjegat eżistenti titnaqqaslu l-paga, irrispettivament mill-iskaletta li kien jinsab fiha qabel.

Is-Sur Francalanza spjega li fil-każ tar-rikorrenti Yvonne Penza, hija ma laħqitx il-ftehim kollettiv tal-2015 għaliex kienet laħqet itterminat l-impjieg fl-2014. Saħaq li l-istess raġunar tal-komputazzjonijiet tas-Sa Marmarà japplika għal Yvonne Penza.

Iddikjara illi għal xi perjodu fis-sena 2013, Yvonne Penza kellha tnaqqis fir-rata tal-paga tagħha, għal liema tnaqqis ma ġietx ikkumpensata. Kien hemm ukoll istanza fejn fl-2014 ma ngħatatx iż-żieda dovuta lilha skont l-increment tal-ftehim kollettiv.

Is-Sur Francalanza indika li l-kalkoli ta' Yvonne Penza huma definiti għaliex hi spiċċat mill-impjieg, iżda ta' Mildred Marmarà kienu kontinwi għaliex kienet għadha fl-impjieg. Spjega wkoll kif apparti li ġew ikkalkolati d-diskrepanzi fir-rati għas-sigħat regolari tar-rikorrenti, ġew ikkalkolati wkoll id-diskrepanzi ta' rati għal dawk li ssejħu 'premium hours', ossia xogħol nhar ta' Ħadd u fil-festi. Taħt kontroeżami, is-Sur Francalanza ġie mitlub jispjega kif ħadem id-diskrepanzi fis-snin li għalihom saħaq li ma kellux rosters tar-rikorrenti u spjega li għaldaqstant kellu jiġbed stima għal dan il-għan ibbażat fuq is-snin li għalihom irnexxielu joħroġ komputazzjoni attwali.

**Anthony Azzopardi**, Assistent Direttur fid-Dipartiment ta' Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg, xehed li kien sar rapport minn Mario Gatt fit-23 ta' Diċembru 2014 fejn qal li żewġ persuna jaħdmu man-Nuance, Mildred Marmarà u Veroncia Vassallo kienu marru d-dipartiment u għamlu lment li kien hemm diskrepanzi fil-pagi bejn l-impjegati tal-ex Air Supplies u dawk impjegati wara man-Nuance Limited. Ix-xhud qara r-rapport li kien għamel Mario Gatt fejn kien qal lil dawn iż-żewġ persuni li hemm ksur tal-artikolu 26 u 27 tal-EIRA u kien irrakkomanda li ftehim kollettiv ġdid jagħmel provvediment għal dan il-fatt. Skont ir-rapport Gatt kien ingħata kopja tas-salary scales u d-differenza fis-salarji tvarja minn tlieta sa erbat elef Ewro fis-sena. Ix-xhud qal li sab ukoll rapport li kienet għamlet Mildred Marmarà fl-20 ta' Jannar 2015, fejn kienet ilmentat li ma kinitx irċeviet increments f'seba' snin filwaqt li sales assistants oħra li jagħmlu l-istess xogħol jitħallsu b'rata ogħla. Skont noti li hemm fil-files, "A collective agreement with General Workers' Union was signed this month providing increases to new employees (Not Ex Air Supplies Limited. So that salaries will meet and equal pay be applied). No further action from this end."

**Oswin Farrugia,** General Manager tas-soċjetà Nuance, xehed li kien ilu 4 xhur f'din il-kariga iżda kien ilu ħames snin qabel mas-soċjetà bħala Finance Manager. Huwa spjega li meta s-soċjetà daret minn Air Supplies għal Nuance, saru żewġ ftehim kollettivi flimkien sabiex tirrispetta lill-impjegati kolha, iżda kien hemm problema bid-differenza kbira fis-salarji tal-impjegati l-antiki u tal-ġodda, fejn l-antiki kienu

qed jitħallsu ħafna iżjed mir-rati tas-suq ta' dak iż-żmien. Stante li s-soċjetà kienet għadha qed issib saqajha, offriet salarji aktar baxxi lill-impjegati l-ġodda għaliex kien għadu żmien prekarju, bid-diskrepanza ġġustifikata fuq bażi ta' senjorità. Ix-xhud isemmi li saru xi ftehim kollettivi ġodda, u li riċentament is-soċjetà riedet tindirizza l-punt ta' ħlas ugwali, u li d-diskussjonijiet kienu għadhom għaddejjin. Ix-xhud jgħid li l-iskala fil-pagi għadha preżenti fil-ftehim kollettiv skont is-senjorità.

**Charles Agius,** eks ħaddiem tal-GWU fil-qasam marittimu u tal-avjazzjoni, jgħid li kien involut fit-tfassil tal-Ftehim Kollettiv ta' bejn l-2010 u l-2014. Isemmi li meta Air Supplies ġiet trasferita lil Nuance, l-impjegati l-antiki kellhom iżommu l-kundizzjonijiet eżistenti, inkluż il-pagi, u l-impjegati l-ġodda kellhom paga inqas. Jgħid li kien hemm kundizzjonijiet oħra, inklużi tal-assiguranza ta' tmiem l-impjieg għal raġunijiet ta' saħħa jew mewt, li s-soċjetà xtaqet telimina imma l-union ma ppermettiex li jsir dan. Rigward id-diskrepanza fil-pagi, semma episodju fejn meta kien jaħdem fuq il-qasam tat-tarzna, meta ngħaqdu tat-tarzna tal-Bormla u tal-Marsa, tfasslet sistema aċċettata mill-Gvern u mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali fejn dawk li kellhom paga ogħla setgħu jżommuha, filwaqt li l-oħrajn ikollhom increments annwali sakemm jilħqu l-paga tal-kollegi li jagħmlu l-istess xogħol skont il-ftehim kollettiv tagħhom, u li dan il-metodu intuża fil-każ tas-soċjetà intimata wara t-trasferiment tal-kumpanija. Taħt kontroeżami, is-Sur Agius qal li fil-GWU, il-prassi hi li jsiru n-negozjati għal ftehim kollettiv, imbagħad tinżamm il-laqgħa ġenerali fejn il-ftehim kollettiv jiġi spjegat lill-membri mbagħad jittieħed vot sabiex jiddetermina jekk dak propost huwiex approvat jew le. Is-Sur Agius jgħid li saru żewġ laqgħat għall-ħaddiema tas-soċjetà intimata minħabba li kienu jaħdmu bis-shift, u l-maġġoranza vvutaw favur il-ftehim kollettiv u ġie ffirmat. Mistoqsi kellhomx ftehim kollettiv wieħed b'żewġ skali ta' pagi, is-Sur Agius qal li ma kienx hemm żewġ skali iżda żewġ sistemi, u li l-ħaddiema l-ġodda kellhom jogħlew bl-increments fil-pagi. Is-Sur Agius jgħid li fil-laqgħat ma saret l-ebda distinzjoni bejn ħaddiema antiki u ġodda tas-soċjetà intimata. Is-Sur Agius ma kkonfermax jittiħdux minuti tal-laqgħa jew jekk ir-riżultat tal-votazzjoni tiġix irreġistra xi mkien meta ġie mistoqsi dwar dan, iżda qal biss li l-maġġoranza vvutaw u l-ftehim kolletiv ġie ffirmat. Meta mistoqsi dwar il-paragun bejn is-sitwazzjoni tat-tarzna u dik preżenti, u jekk fil-preżenti id-DIER ġiex infurmat, is-Sur Agius qal li d-DIER ingħata kopji tal-ftehim kollettiv.

## Sintezi tas-Sottomissjonijiet

Ir-rikorrenti ppreżentaw nota ta' sottomissjonijiet fejn qalu li huma kienu impjegati mas-soċjetà intimata bħala Sales Assistants, u jgħidu li ma ngħatawx kopja tal-ftehim kollettiv viġenti, iżda Mildred Marmarà ngħatat kopja tal-ftehim mhux iffirmat applikabbli għall-perjodu ta' bejn l-2010 u l-2014, liema ftehim qatt ma ġie spjegat lilha mill-GWU, minkejja x-xhieda ta' Charles Agius. Ir-rikorrenti jgħidu li ma kinux jafu kemm kienu l-pagi tal-kollegi tagħhom, u finalment irrealizzaw permezz ta' tqabbil ta' żewġ kopji mhux iffirmati tal-ftehim kollettiv li kien hemm diskrepanzi bejn il-pagi ta' impjegati fl-istess grad, bi strutturi ta' pagi differenti, u f'laqgħa tal-GWU huma ġew informati li dawk li bdew mal-kumpanija wara l-2005 kellhom rata aktar baxxa mill-impjegati eżistenti, u b'hekk ir-rikorrenti rrikorrew għall-għajnuna tad-DIER, fejn baqgħu ma ngħatawx rimedju, u li għalhekk intavolaw il-kwistjoni odjerna fejn talbu li jiġi stabbilit trattament illeċitu u jordna l-kumpens għax-xogħol ta' valur ugwali.

Ir-rikorrenti jinnutaw li Mildred Marmarà fl-affidavit tagħha qalet li l-GWU qatt ma laqqa' lill-impjegati sabiex jispjegalhom il-kontenut tal-ftehim kollettiv, kontra ta' dak li qal Charles Agius, eks segretarju tal-GWU, fejn is-Sur Agius intant rrifjuta li jwieġeb id-domanda dwar jekk ittiħdux minuti, iżda saħaq biss li l-vot dwar il-ftehim kollettiv iservi ta' konferma tal-kontenut tal-istess. Jgħidu li s-Sur Anthony Azzopardi, rappreżentant tad-DIER, ippreżenta u qara r-rapport oriġinali li sar dwar il-kwistjoni tar-rikorrenti mid-Dipartiment, filwaqt li s-Sur Ramon Francalanza, Segretarju UĦM, ippreżenta kalkoli tat-telf tad-dħul li sofrew ir-rikorrenti, fejn it-telf ta' Yvonne Penza jammonta għal €10,110.34 u ta' Mildred Marmarà jammonta għal €12,322.88. Ir-rikorrenti jsemmu wkoll li s-Sur Anthony Degiovanni, li kien inkarigat ifassal il-ftehim kollettiv tal-2015, indika l-kwistjoni tad-diskrepanzi fil-pagi lil Nancy Vakoura u informaha li din kienet illegali.

Ir-rikorrenti jisħqu li dina l-kwistjoni titratta materja ta' *equal pay for work of equal value* ai termini tal-artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta: *"Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali: B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi*

*żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit."* Ir-rikorrenti jisħqu li dan mhuwiex il-każ fil-kwistjoni odjerna, iżda li l-ftehim kollettiv irreġistrat mad-DIER inkluda żewġ strutturi ta' salarji li nżammu mistrura mill-impjegati kollha. Ir-rikorrenti jikkwotaw mis-sentenza *Roberta Spiteri vs. ST Microelectronics (Malta) Limited*[1] fejn il-Qorti tal-Appell ikkwotat lil Selwyn dwar il-prinċipji ta' ħlas ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, u d-difiżi li kapaċi jitqajmu għaliha.

Ir-rikorrenti jikkonkludu billi jisħqu li sofrew preġudizzju finanzjarju mill-ingaġġ sal-2015, b'telf bejn il-paga attwali tagħha u kemm suppost kellhom jaqalgħu skont il-ftehim kollettiv.

Is-soċjetà intimata ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet, fejn saħqet li d-diskrepanzi bejn is-salarji tar-rikorrenti u impjegati oħra fl-istess grad kien riżultat ta' ftehim mal-GWU, u li l-impjegati kollha dejjem tħallsu skont it-termini ta' tali ftehim.

Is-soċjetà intimata tissottometti li fl-2005 Mediterranean Nuance Group Limited ottjeniet l-ishma kollha ta' Air Supplies and Catering Limited, li nbidlilha isimha għal The Nuance (Group) Malta Limited. Fl-2010 sar ftehim kollettiv mal-GWU li rregola l-iskali tal-pagi. Tgħid li ż-żewġ rikorrenti ġew notifikati bil-kontenut tal-ftehim kollettiv u b'hekk kienu jafu dwar l-iskali tal-pagi, u li skont ix-xhieda ta' Charles Agius il-ftehim kollettiv ġie approvat permezz ta' vot tal-maġġoranza tal-membri preżenti għall-vot. Is-soċjetà intimata tgħid li r-rikorrenti dejjem tħallsu skont il-ftehim kollettiv, liema rata kienet tawmenta abbażi tal-ftehim kollettiv il-ġdid tal-2015.

Intant is-soċjetà intimata tissottometti li skont l-artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, il-prinċipju tal-*equal pay* tippermetti eċċezzjoni fil-każ ta' ftehim kollettiv bi skali li jwasslu għal massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit, bħalma sar fil-kwistjoni odjerna, liema skali ntlaħqu minn dak iż-żmien, bl-impjegati kollha llum jinsabu jgawdu minn pagi ugwali, u li għaldaqstant is-soċjetà mxiet skont il-liġi.

[1] Qorti tal-Appell, 30 ta' Settembru 2015

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Fir-rigward tal-kwistjoni odjerna mqajma mir-rikorrenti rigwardanti l-prinċipju tal-equal pay, it-Tribunal jagħmel riferenza għall-artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta: *"Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali: B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit. B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett".*

Iż-żewġ rikorrenti jisħqu illi huma tħallsu salarju b'rati ferm anqas minn dawk li kienu jitħallsu l-kollegi tagħhom li kienu ilhom impjegati mas-soċjetà intimata sa minn qabel l-2005, ossia qabel l-ishma tal-impriża ġew ilkoll trasferiti lilha.

Ix-xhud Ramon Francalanza, Segretarju fi ħdan il-UĦM, ippreżenta kalkoli ddettaljati li juru d-diskrepanzi tal-pagi applikabbli għall-impjegati li kien ingaġġati mas-soċjetà intimata sa minn qabel l-2005, u r-rati li tħallsu bihom ir-rikorrenti. Ġew ippreżentati wkoll kopji tal-ftehim kollettiv applikabbli għaż-żmien inkwistjoni, fejn fl-appendiċi tal-istess ftehim jidhru biċ-ċar id-diskrepanzi stabbiliti bejn il-pagi ta' Sales Advisors (ex-Sales Assistants) li kienu mal-kumpanija sa minn qabel l-2005, u dawk li ġew ingaġġati wara l-2005. Għal kull buon fini, għandu jingħad illi dawn il-komputazzjonijiet fl-ebda mument ma ġew innegati jew b'xi mod jew ieħor ikkontestati mis-soċjetà intimata.

Huwa minnu li l-liġi tindika illi permezz ta' ftehim kollettiv huwa permess illi jkun hemm skali ta' paga differenti għal impjegati illi jiġu ingaġġati fi żminijiet differenti, naturalment abbażi tal-esperjenza, senjorità u lealtà tagħhom lejn is-soċjetà inkwistjoni. Madanakollu il-liġi hija wkoll esperessament ċara fejn tgħid li dawn l-iskali għandhom ikollhom "*massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit."*

F'dan il-każ huwa ċar illi l-iskali tal-pagi ta' bejn is-Sales Advisors ingaġġati qabel l-2005, u wara l-2005, ivarjaw b'mod assolut mingħajr l-ebda possibiltà illi anke jekk dawk ingaġġati wara l-2005 jilħqu l-ogħla skala ta' paga possibli għalihom, xorta

waħda lanqas biss jilħqu l-ewwel skala ta' paga (ossia dik l-aktar baxxa) ta' dawk ingaġġati qabel l-2005. Di fatto, l-ogħla paga possibli għal Sales Advisors ingaġġati wara l-2005, fuq l-iskala '*Basic + 9*' hija €5.93 fis-siegħa, filwaqt li saħansitra l-iktar paga baxxa għal Sales Advisors ingaġġati qabel l-2005, fuq l-iskala '*Basic*', hija €6.48 fis-siegħa, kważi €0.50 aktar fis-siegħa mill-ogħla skala ta' paga possibbli għall-grupp l-ieħor ta' impjegati.

Għaldaqstant joħroġ biċ-ċar illi mhux talli hemm diskrepanza sinifikanti fil-pagi tas-Sales Advisors (ex-Sales Assistants) abbażi ta' meta ġew ingaġġati mas-soċjetà intimata, iżda saħansitra dawk ingaġġati wara l-2005 lanqas biss jilħqu l-aktar skala ta' paga baxxa ta' dawk ingaġġati qabel l-2005, u dan bi ksur tal-proviżjoni surreferita.

Il-punti surreferiti jkomplu jissaħħu aktar u aktar permezz tax-xhieda ta' Antoine Degiovanni (eks-konsulent mas-soċjetà intimata) u ta' Oswin Farrugia (general manager tas-soċjetà intimata), li t-tnejn minnhom jisħqu li id-diskrepanza fil-pagi taż-żewġ gruppi ta' impjegati kienet intenzjonata stante li l-pagi ta' qabel it-transferiment tal-ishma fl-2005 kienu minfuħa u mhux sostenibbli f'dak iż-żmien. Fuq kollox, minkejja li s-soċjetà intimata ddikjarat illi l-motivi tad-diskrepanzi kienu ġġustifikati abbażi ta' senjorità, ma ġabu l-ebda prova dwar kif tali sistema għandha tinħadem fir-rigward tal-perjodu ta' snin li impjegat ikun ilu ingaġġat mas-soċjetà.

Inkonsiderazzjoni ta' dan kollu, it-Tribunal jikkunsidra wkoll illi r-rikorrenti jisħqu li ma kinux ġew ikkonsultati dwar l-ebda diskrepanzi fl-iskaletti ta' paga, tant illi ma kinux konxji ta' dawn id-diskrepanzi qabel saru jafu bihom b'kumbinazzjoni. Ir-rappreżentant tal-GWU Charles Attard meta mistoqsi dwar il-ftehim kollettiv inkwistjoni ma wera l-ebda prova ta' minuti jew dokumentazzjoni oħra min-naħa tal-Union sabiex tikkumbatti dawn l-allegazzjonijiet. Inoltre, irrefera għal sitwazzjoni simili fir-rigward tat-Tarzna fejn kien hemm impjegati b'pagi differenti, f'liema istanza intlaħaq ftehim fejn l-impjegati jżommu l-pagi tagħhom iżda jkun hemm *increments* regolari sakemm wara ċertu żmien il-pagi jekwiparaw ruħhom. Di fatto, dan jinkwadra l-intenzjoni tal-ewwel proviso tal-artikolu 27 tal-Kap 452, li ċarament ma ntlaħaqx fil-kwistjoni odjerna. Anzi minn hekk, ġie ikkonfermat mix-xhud surreferiti illi s-soċjetà intimata ma setgħet bl-ebda mod tlaħħaq mal-pagi applikabbli fl-2005 li kieku ma bdietx tagħti pagi iżjed baxxi lill-impjegati ġodda.

Il-fatt li s-soċjetà ffirmat żewġ ftehim kollettivi differenti għall-impjegati iktar jikkonvinċi lit-Tribunal li dak li saħqu r-rikorrenti, u ċjoe li qatt ma ġew ikkonsultati u lanqas ma kienu jafu bid-differenzi fil-pagi huwa minnu. It-Tribunal filwaqt li jifhem li l-pagi tal-impjegati eżistenti ma jistgħux jintmessu ma jistax jaċċetta li impjegati ġodda ma jistgħu qatt jilħqu l-pagi tal-impjegati 'l-antiki' meta dawn qegħdin jagħmlu xogħol li mhux talli huwa ta' valur ugwali imma huwa l-istess xogħol. L-argument tas-soċjetà li dejjem iddiskutiet mal-unjin u għamlet dan kollu bil-barka tal-istess unjin żgur ma jeżonerax lis-soċjetà mill-obbligi legali tagħha.

## Deċiżjoni

Wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, u kkunsidra l-każ it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lis-soċjetà intimata tħallas it-telf li soffrew ir-rikorrenti liema telf jammonta fid-differenza fil-pagi għal kull sena sas-sena 2015 kif ukoll kumpens għat-trattament diskriminatorju soffert mir-rikorrenti. Is-soċjetà għandha wkoll tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex il-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà tiġi skont il-liġi.

Għaldaqstant il-kumpens dovut lil **Yvonne Penza** huwa ta' **ħmistax-il elf ewro (€15,000)** u l-kumpens dovut lil **Mildred Marmarà** huwa ta' **sbatax-il elf ewro (€17,000)** liema ammonti għandhom jitħallsu mis-soċjetà fi żmien sitt ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Avukat Charmaine Cristiano Grech LL.D.**
**Chairperson**